**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 196/19 AGV**

**ABC**

**Vs**

**DEF**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fis-7 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fir-Registru Pubbliku tal-Kajr, gewwa l-Egittu fit-22 ta' Lulju, 2003, liema zwieg kien gie sussegwentement registrat hawn Malta (certifikat taz-zwieg hawn anness Dok.A) u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

2. Illi l-imsemmija konjugi nfirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Liza Schembri fis-16 ta' Awissu, 2016 (Dok.B).

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu ddekadew mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin (Artikolu 4 tal-istess kuntratt).

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma soddisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

6. Illi l-esponent qieghed jipprezenta affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonjiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat l-affidavit tar-rikorrent.

Rat li l-intimat m'oggezzjonax ghat-talbiet attrici.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom isseparati de facto u mbaghad permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri datat 16 ta’ Awissu, 2016.

Illi m’hemmx arretrati ta’ manteniment peress li l-partijiet iddekadaw mid-drittijiet ta’ manteniment minghand xulxin, anke skond l-istess kuntratt.

Ir-rikorrent ukoll ippruva li ma hemmx cans ta’ rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**